# Eżami għall-*Warrant* ta' Avukat

## (Parti bil-miktub)

## Il-Ħamis 27 ta' Lulju 2017

## 9.00 *a.m.* sa 12.00 *m.d.*

**(It-tweġibiet għandhom ikunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'oħra fil-każ ta' persuna bi bżonnijiet speċjali, il-ħin mogħti biex twieġeb kemm għal parti A kif ukoll għal parti B huwa ta' tliet sigħat)**

## Parti A

Wieġeb għal tlieta biss minn dawn li ġejjin:

1. Bis-saħħa ta' mandat ta' arrest Ewropew intalbet il-konsenja tal-klijent tiegħek minn Malta lejn il-Bulgarija biex iwieġeb għal akkużi miġjuba kontrih f'dak il-pajjiż dwar reati kriminali. Il-klijent tiegħek jibża' illi l-kondizzjonijiet fil-ħabs fil-Bulgarija fejn jinżamm sakemm jinstema' l-każ tiegħu huma ħżiena ħafna u ta' ħsara għal saħħtu u d-dinjità tiegħu, u għalhekk ma jixtieqx li jintbagħat il-Bulgarija. Ħejji l-att meħtieġ sabiex il-klijent tiegħek jikseb rimedju.

2. Il-klijent tiegħek ġie notifikat b'avviż illi proprjetà immobbli tiegħu hija meħtieġa għal skop pubbliku u sejra tiġi akkwistata mill-gvern. Hu ma jaqbilx illi l-proprjetà hija tassew meħtieġa għal skop pubbliku. Ħejji l-att meħtieġ biex issir kontestazzjoni tal-iskop pubbliku.

3. Il-klijent tiegħek li għandu jieħu somma konsiderevoli mingħand debitur tiegħu kiseb il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru f'idejn il-banek iżda dawn wieġbu illi ma jżommux assi tad-debitur. Il-klijent tiegħek issa sar jaf illi ftit żmien qabel id-debitur kien ittrasferixxa l-flus li kellu l-bank fuq isem ħuh. Ħejji l-att meħtieġ sabiex il-klijent tiegħek jikseb il-ħlas ta' dak dovut lilu.

4. Ħejji l-att meħtieġ biex twieġeb għal azzjoni li fiha qiegħda tintalab dikjarazzjoni illi l-klijent tiegħek ma jgawdix servitù ta' mogħdija minn fuq art tal-attur.

5. Il-klijent tiegħek, li hu għażeb u llum għandu ħamsin sena, kien joqgħod ma' ħuh f'dar mikrija lil ħuh. Ħu l-klijent tiegħek issa miet. Sid il-kera, li jrid id-dar lura, għalaq il-provvista ta' dawl u ilma għad-dar u fetaħ kawża biex jitlob l-iżgumbrament tal-klijent tiegħek għax igħid illi dan qiegħed iżomm il-fond mingħajr titolu. Ħejji l-att jew atti meħtieġa fiċ-ċirkostanzi fl-interess tal-klijent tiegħek.

6. B'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali l-klijent tiegħek instab mhux ħati ta' serq sempliċi iżda ħati ta' riċettazzjoni, u weħel piena ta' sentejn priġunerija. Ħejji l-att meħtieġ biex isir appell mis-sejbien ta' ħtija u biex titnaqqas il-piena.